***Kunsill Lokali Ħamrun***
***Triq id-Duka ta' Edinburgh***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u tnejn laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar 2012 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

1. **Preżenti**

Is-Sinjura Carmen Borg kitbet lill-Kunsill fejn talbet li tiġi skużata mill-laqgħa minħabba mard, filwaqt li Dr. Paula Mifsud Bonnici kitbet lill-Kunsill fejn tablet li tiġi skużata mill-laqgħa minħabba li kienet ser tkun indisposta. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk s-Sinjura Carmen Borg u Dr. Paula Mifsud Bonnici ġew skużati mill-laqgħa.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Johnaton Abela LL.D. | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta Minst SMM (UK), MCIM (UK), M.B.A. (Maastricht) | Kunsillier |

2. **Talba**

Is-Sindku qal it-talba.

3. **Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tat-tliet mija u wieħed laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

*4.1 Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħolijiet waslu fl-aħħar fażijiet. Ġie deċiż li jinġabru kwotazzjonijiet għax-xiri ta' purtieri għall-uffiċċju, *railings* għall-fetħa quddiem il-Kunsill u antiporta tal-ħġieġ għall-uffiċċju amministrattiv. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li qed nistennew il-*Compliance Certificate* tal-parkeġġ mill-MEPA sabiex inkunu nistgħu napplikaw għad-dawl. Sadanittant saret applikazzjoni għall-linja tat-telefon għall-*lifts* tal-Parkeġġ.

Fis-5.45pm Dr. Johnaton Abela daħal għall-laqgħa.

*4.2 Żvilupp fl-iskola Maria Assumpta*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Kunsill Malti għall-Isport li hija l-prassi tal-KMS li tidħol fi sħab ma' entitajiet sportivi reġistrati magħha għall-użu ta' faċilitajiet sportivi wara l-ħin tal-iskola. Sadanittant id-Direttur Ġenerali tal-Edukazzjoni spjegat li sakemm jiġi approvat il-proġett u jibdew ix-xogħolijiet l-awtoritajiet tal-iSkola ma jistgħux jiddiskutu l-użu tal-faċilitajiet.

*4.3 Transport Malta - Arriva*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li daħlet servizz ta' Karozza tal-Linja numru 50 li qed taħdem ir-rotta l-antika 71. Sadanittant ġie nnotat li l-*Pelican Lights* ta' Triq il-Kbira San Ġużepp għadhom ma bdewx jaħdmu.

Fis-6.00pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

*4.4 Estenzjoni ta' Residential Parking Scheme*

Nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar 2012 saret il-laqgħa pubblika dwar l-estenzjoni tar-*Residential Parking Scheme* (kopja tal-kummenti tal-pubbliku mehmuża ma' dawn il-minuti). Is-Sur C. Valletta spjega li hu kien tal-opinjoni li kollox għandu jibqa' kif inhu. Peres li mhux kull min kien involut attenda għal-laqgħa ġie deċiż li aktar 'l quddiem tintbgħat ittra lill-dawk kollha konċernati biex jintalbu jwieġbu jekk jaqblux jew le mal-estenzjoni tar-*Residential Parking Scheme* fit-triq tagħhom.

*4.5 Tindif fi Triq Joseph Abela Scolaro*

Il-Kunsill approva li jekk it-tindif ma jsirx mill-aktar fis mill-kuntrattur Ronald Bezzina, t-tindif għandu jsir mill-kuntrattur Saviour Mifsud.

## 5. Korrispondenza

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispndenza li rċieva l-Kunsill bejn id-19 ta' Diċembru u t-12 ta' Jannar 2012.

*5.1 ITC – Gwardjan Lokali u Kontravvenzjonijiet*

Id-Direttur tal-Kumpanija ITC kiteb lill-Kunsill fejn ilmenta rigward is-servizz tal-Gwardjani Lokali u l-fatt li qed jingħataw ħafna ċitazzjonijiet waqt il-ħinijiet tal-ħruġ tal-istudenti mill-iskola St.Joseph. Huwa talab li dawn jiġu kkanċellati.
Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Camilleri li mhux fil-kompetenza tal-Kunsill li jikkanċella kontravenzjonijiet u li ser jirreferi l-ittra tiegħu lir-Reġjun.

*5.2 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema dwar Inizjattiva ta' attivitajiet*

Il-Kunsilli ser jingħata €5,000 għall-attivita' *Ħamrun Chocolate Festival* li ser isir is-Sibt 27 ta' Ottubru 2012.

*5.3 Kunsill Lokali Pieta' – Traffic Mirror*

Il-Kunsill Lokali Pieta' talab lill-Transport Malta biex tapprova li titwaħħal *Traffic Mirror* fi Triq Pietru Xuereb, Ħamrun faċċata ta' Triq id-Duluri, Pieta'. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li t-*Traffic Mirror* ma tghattix il-monument ta' Oreste Chircop.

*5.4 Grupp Armar Festa Immakulata Kunċizzjoni – Tappiera tal-Festa*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Grupp Armar Festa Immakulata Kunċizzjoni biex isiru 13-il toqba u tappiera għall-arbli tal-festa fit-toroq. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lill-Għaqda li mhux possibli li l-Kunsill jiffinanzja t-toqob u tappieri kollha. Għaldaqstant għandhom jintalbu jipprovdu *site plan* fejn jindikaw il-postijiet proposti għall-ħofor biex il-Kunsill jiddeċiedi liema jista' jagħti.

5.5 *Transport Malta – Double Yellow Lines faċċata ta' garaxx*

Transport Malta approvat li jsiru *double yellow lines* faċċata tal-garaxx 38 fi Triq Giovanni Barbara għat-tul tal-istess garaxx.

*5.6 Residenti tal-viċinanzi tal-Victor Tedesco Stadium - Parking*

Il-Kunsill intalab biex jerġa' jikteb lill-Kummissarju tal-Pulizija rigward petizzjoni li ngħatatlu minn residenti tal-Ħamrun li joqgħodu viċin il-Victor Tedesco Stadium minħabba r-restrizzjonijiet tal-parkeġġ waqt logħob fil-grawnd. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob l-iżviluppi f'dan ir-rigward.

*5.7 Standard Publications – Abbonament- Malta Independent*

Il-Kunsill iddeċieda li jilqa' l-offerta ta' Standard Publications għall-abbonament tal-Ġurnal "Malta Independent" għall-ħlas ridott ta' €195 fis-sena.

*5.8 Sinjura Mary Zammit – Special Parking Permit*

Is-Sinjura Zammit infurmat lill-Kunsill li tilfet l-*iSpecial Parking Permit* u għalhekk qed titlob li jinħarġilha ieħor. Il-Kunsill approva li jinħareġ permess ieħor.

*5.9 Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Tiġdid tal-abbonament fil-Gazzetta tal-Gvern*

Il-Kunsill iddeċieda li ma jġeddidx l-abbonament fil-Gazzetta tal-Gvern peress li dan jidher *online*.

*5.10 SOS Malta – European Refugee Fund Programme*

Il-Kunsill ġie nfurmat li SOS Malta lesta tipparteċipa f'attivita' fejn numru ta' *Cultural Ambassadors* jippreżentaw ikel tradizzjonali tal-pajjiż tagħhom. Il-Kunsill issuġġerixxa li jipparteċipaw fil-*Ħamrun Chocolate Festival*.

*5.11 Sur Cedric Valletta – Funtani fil-Ħamrun*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li kien irċieva suġġeriment mis-Sur Michelangelo Chircop biex isiru xi funtani fil-Pjazzez ewlenin tal-Ħamrun bħalma hemm fi Pjazza San Ġorġ, Valletta. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob il-parir tal-Perit tal-Kunsill biex jara jekk funtani simili jistgħux isiru fi Pjazza San Pawl u Pjazza Kappillan Muscat.

## 6. Rapporti tas-Sotto Kumitati

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku ssuġġerixxa li din is-sena ma ssirx l-attivita' tal-Karnival peress li qed isiru preparamenti biex f'nofs Frar isir l-inawgurazzjoni tal-Uffiċċju tal-Kunsill u Parkeġġ. Il-Kunsill qabel.

- Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Fuljett jinħareġ f'nofs Frar u jkun jinkludi biss ritratti tax-xogħolijiet u proġetti li saru mill-Kunsill matul din il-leġislatura. Is-Sur C. Valletta u Dr. J. Abela spjegaw li ma jaqblux mas-suġġeriment.

## 7. Għażla ta' Offerta – *Lease and Operation of Car Park in Duke of Edinburgh Street.*

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tar-rapport tal-Kumitat tal-Għażla maħtur mill-Kunsill biex jevalwa l-offerti tal-Kuntratt '*Lease and Operation of Car Park in Duke of Edinburgh Street*' flimkien mar-rapport tal-konsulenti tal-Kunsill. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Għażla li l-kuntratt jingħata lill-kumpanija Parkwell Ltd.

8. **Għażla ta' Offerta – Services of Maintenance of Traffic Signs and Road Markings**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta nhar it-Tnejn 9 ta' Jannar 2012 infetħet il-kaxxa ta' l-offerti fil-preżenza tas-Sindku u l-Viċi Sindku nstabu żewġ offerti li kienu tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku u l-kumpanija B.Grima & Sons Ltd. (skeda tal-prezzijiet mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li ġew evalwati l-offerti ġie nnotat li d-differenzi bejn ir-rati taż-żewġ kuntratturi kienu biss ta' ftit ċenteżmi. Il-Kunsill iddeċieda unanimament li jaċċetta l-offerta tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku peress li l-offerta tissodisfa r-rekweżiti mitluba mill-Kunsill, il-Kunsill huwa sodisfatt bis-servizzi provduti tal-Koperattiva, għandhom esperjenza vasta f'dan il-qasam u kif diġa esperjenza l-Kunsill jipprovdu servizz professjonali mingħajr ħlas fl-organizazzjoni u mmaniġjar ta' sinjali tat-traffiku.

9. **Budget Annwali – Sena Finanzjarja Jannar sa Diċembru 2012**

Il-Kunsill iddeċieda li f'nofs it-tielet ġimgħa ta' Jannar 2012 issir il-laqgħa tal-Lokalita biex fiha jiġi diskuss il-Budget Annwali għas-sena finanzjarja Jannar sa Diċembru 2012.

Sadanittant il-Kunsilliera ngħataw kopja ta' abboz tal-Budget (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

10. **Inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv u Parkeġġ**

Is-Sindku nforma lil-Kunsill li huwa pjanat li f'nofs Frar 2012 issir l-inawgurazzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv u Parkeġġ. Huwa talab biex il-Kunsilliera jibgħatu proposti tagħhom għall-attivitajiet waqt l-inawgurazzjoni.

11. **Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Kuntratt mal-Kumpanija GreenPak kien wasal biex jerġa jiġġedded għal-sena oħra. Huwa spjega li l-Kumpanija GreenPak ser terġa tqassam il-boroż għas-separazzjoni u ser tipprovdi numru ta' *bins* lill-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament li jiġi mġedded il-Kuntratt għas-sena 2012

12. **Schedule of Payments**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-12 ta' Jannar 2012 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 13. <u>**Aġġornament**</u>

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm.

________________________

Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

________________________

Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

________________________

DATA